MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 2302/1996/1

**Moses Bugeja u b'digriet tal-25 ta' April, 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Ursola armla ta' Moses Bugeja u Stephen Bugeja f'ismu proprju u f'isem huh assenti Paul Bugeja, David Bugeja, Zillah Bugeja u Mark Bugeja.**

**-vs-**

**Joseph Delceppo u Frederick Stivala.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Lulju, 1996 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut Frederick Stivala kien xtara minghand l-attur il-yacht “Rosanna”, bil-prezz ta’ erbat elef lira (LM4000) permezz ta’ att pubblikat minn Nutar Joseph Saydon tal-5 ta’ Gunju 1986. (Dok. A);

Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta’ Marzu 1992 fil-kawza fl-ismijiet “Martin Vella bhala prokuratur ta’ Frederick Stivala, assenti minn Malta vs Moses Bugeja” (Citaz. Nru 1075/86) gie deciz illi dan il-yacht ghalhekk gie rexiss dan il-bejgh u l-attur odjern kundannat jirrifondi d-depositu ta’ elfejn lira (LM2000) li lahaq irceva akkont tal-bejgh u liema sentenza ghaddiet in gudikat fil-15 ta’ April 1993 in segwitu ta’ digriet ta’ deserzjoni moghti mill-Qorti tal-Appell;

U illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri il-konvenut odjern Frederick Stivala kien iddeposita dan il-yacht taht l-awtorita tal-Qorti permezz ta’ rcevuta annessa mac-cedola ta’ depositu presentata fil-11 ta’ Novembru 1988, liema rcevuta tindika li dan l-istess yacht kien effettivament depositat fil-kura u kustodja ta’ l-konvenut Joseph Delceppo;

U illi wara l-gheluq tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, l-istanti sar jaf li dan il-yacht kien jinsab fi stat dilapidat u distrutt ghal kollox go triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar, bir-risultat li huwa sofra danni;

U illi dawn id-danni graw bi htija tal-konvenuti jew min minnhom u ghalhekk huma in solidum jew xorta ohra responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u dan peress illi naqsu li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet u mizuri kollha sabiex jipprotegu l-istess yacht u fl-istess hin jassikuraw li tinzamm fl-istess stat li din giet konsenjata lilhom;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huma solidalment jew xorta ohra responsabbli ghad-danni kawzati fl-imsemmi yacht “Rosanna” u dan peress illi naqsu li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet u mizuri kollha sabiex jipprotegu l-istess yacht u fl-istess hin jassikuraw li tinzamm fl-istess stat li din giet konsenjata lilhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u

3. Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom sabiex solidalment jew mod iehor ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frederick Stivala pprezentata fis-26 ta’ Settembru, 1997 li permezz taghha eccepixxa;

Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a baz tal-artikolu 153 tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ddekkorra t-terminu prefiss mill-Ligi.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-succepit, l-azzjoni attrici hija intempestiva, stante li qatt ma saret interpellazzjoni da parti tal-attur fil-konfront tal-eccipjenti.

Fit-tielet lok l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-eccipjenti ma kkawza l-ebda danni lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut Delceppo ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1998 li permezz taghha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-6 ta’ Ottubru, 2000 li permezz taghha giet revokata s-sentenza imsemmija u l-atti tal-kawza regghu ntbaghtu quddiem din il-Qorti biex il-kawza tkompli tinstema’ u tigi deciza.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistenti gudizzjarji.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Frar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza wara li semghet it-trattazjoni ta’ l-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza kienu dawn. L-attur kien biegh lill-konvenut Stivala *yacht* ghall-prezz ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Ftit wara Stivala istitwixxa kawza biex jirrexxindi l-kuntratt u jiehu lura l-elfejn Lira Maltija li kien hallas akkont, u l-Qorti permezz ta’ sentenza ta’ l-20 ta’ Marzu, 1992 laqghet it-talba tieghu. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat billi ghalkemm giet appellata, l-appell gie dikjarat desert fl-1993. Fil-mori tal-kawza u cioe’ fl-1987 Stivala kien iddeposita l-*yacht* taht l-awtorita’ tal-Qorti u l-konvenut Delceppo kien il-kunsinnatarju. L-attur qed jghid li matul il-kawza msemmija l-*yacht* kien ghand Delceppo izda darba mar ghandu u dan qallu li l-*yacht* kien hadu Stivala u ma kienx jaf fejn hu. Jirruzulta li fl-1994 il-*yacht* kien San Pawl il-Bahar fi stat hazin hafna. Fil-fatt jirrizulta li Stivala kien gie mharrek kriminalment fuq rapport tal-attur f’dan ir-rigward.

L-attur xehed fis-seduta tat-13 ta’ Mejju, 2002 fejn ikkonferma

d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni. Esebixxa ritratti tal-*yacht* kif kien meta bieghu lill-konvenut Stivala u ukoll ta' kif kien meta inbdew proceduri kriminali biex jitnehha l-ingombru, billi fil-frattemp kien gie mgharraf mill-pulizija illi l-*yacht* kien San Pawl il-Bahar u fi kliemu *tabakk.* Lil Delceppo qatt ma kellmu jew ghamel negozju mieghu u lill-pulizija kien qalilhom li l-*yacht* kien ta' Stivala billi dak iz-zmien il-kawza li kien fetah Stivala kontrih kienet ghadha pendenti. Darba kien mar ghall-*yacht* ghand Delceppo izda xi hadd (Delceppo ?) kien qallu li l-*yacht* ma kienx ghadu hemm izda hadu sidu (presumibilment Stivala). Mistoqsi ghaliex il-kawza bdiha kwazi tlett snin wara qal li ma kien hemm ebda raguni partikolari.

Il-konvenut Delceppo xehed fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2003 u kkonferma li kellu *shipyard* il-Kalkara. Ikkonferma li Stivala hadlu l-*yacht* (anzi qallu biex jigbru bil-*crane*) u kien tah parir ma johorgux fil-bahar ghax ma kienx f'kondizzjoni tali. Fil-fatt ghamel xi tiswija fih u thallas hames mitt Lira Maltin (Lm500). Skond hu il-*yacht* dam ghandu izda fl-ahhar dejjqu billi kien hdejn *yachts* ohra lussuzi u kien bhal speci ikerrah l-ambjent. Dam ghandu mit-30 ta' Awwissu, 1986 sa l-ahhar ta' Ottubru 1988. Zamm ghandu l-makna u nefqilha xi tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) biex taha *service*. Meta rega' xehed fis-17 ta' Gunju, 2003 qal li kien ghad baqghalu jithallas skond id-Dok JD. Zamm ghandu ukoll l-arblu u kemm dan u kemm il-makna huma f'kondizzjoni tajba.

A fol 15 u 155 giet esebita c-cedola li permezz taghha Stivala iddeposita l-*yacht* u jidher li l-konvenut Delceppo kien il-kunsinnatarju u ffirma ghal dan l-iskop (Fol 16 u 156). Ic-cedola saret f'Novembru 1988 u d-dikjarazzjoni ta' Delceppo f'Jannar 1987.

Meta xehed Stivala fit-3 ta' Mejju, 2003 huwa qal li kien xtara l-*yacht* minghand l-attur u meta ccekjaha sabilha hafna hsara

mghottija biz-zebgha. Allura fetah kawza u ddepositaha ghand Delceppo. Wara xi snin dan qallu biex ma jhallihiex hemm ghax kienet spiccat u wara xi diskors hadha l-Pwales ghax skond hu kien vicin tieghu. Gie ordnat inehhiha minhabba xi xoghlijiet u qal lill-Kunsill Lokali li ma kienx se jmissha ghax kienet proprjeta' ta' l-attur fil-fatt il-Pulizija pprocedew kriminalment kontra l-attur. Kontro-ezaminat ma ftakarx kemm damet ghand il-konvenut izda ikkonferma li kienu ghaddew xi snin. Skond hu l-*yacht* kienet gie ddisintegrat meta kienet ghaddejja il-kawza precedenti. Madankollu huwa kien ha l-*yacht* minghand Delceppo qabel ma giet deciza l-kawza li kien fetah hu. Skond hu Delceppo qallu; "Ara x' se taghmel biha," ghax kienet tal-misthija*.* Qal lil Delceppo; "Jien mhix responsabbli at this point... niehu hsieb l-ispejjes meta tinqata' l-kawza.. ghax at this point mhux tieghi." (fol 166 et sequitur). Lill-attur ma nformah b'xejn minn dan. Fi kliem Stivala, il-*yacht* kienet; "Iddinsintegrat .. l-injam kien diga' rrotjat*.*" Jahseb illi ghaddew xi ghaxar snin sakemm gie ordnat mill-awtoritajiet biex inehhiha. Sa dak iz-zmien kienet sfrondat bit-toqol taghha stess. Kontro-ezaminat mid-difensur ta' Delceppo qal li ma ghamel ebda *survey* meta ha l-*yacht* minghand Delceppo ghaliex kien gia' ghamel zewg *surveys* qabel ma fetah il-kawza.

Il-punti principali li ghandhom jigu decizi f'din il-kawza huwa jekk l-attur sofriex danni u jekk dan jirrizulta jekk allura il-konvenuti ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghal dawn id-danni.

L-attur qabel ma dahal fin-negozju gudiriku in kwistjoni u cioe' li jbigh il-*yacht* lill-konvenut Stivala kellu bhala proprjeta' tieghu appuntu l-*yacht* in kwistjoni. Meta bieghu l-prezz tieghu kien ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Meta fetah il-kawza dan il-*yacht* ma kienx ghadu jezisti ghaliex skond l-istess Stivala kien iddisintegra. Madankollu billi dan ta' l-ahhar kien istitwixxa b'success kawza ghat-thassir tal-kuntratt ghaliex il-

*yacht* kellu vizji okkulti, certament li l-*yacht* ma kienx jiswa' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Dan jidher car mir-rapporti teknici illi saru fil-kors ta' l-ewwel kawza.

Madankollu dan ma jfissirx li l-konvenuti setghu b'xi mod jiddaneggjaw il-*yacht*. Il-konvenut kellu l-obbligu li ma jzommux ghandu nkella kien jippregudika serjament il-kawza li stitwixxa hu. Fil-fatt ghamel sew illi ddepositah taht l-awtorita' tal-Qorti. Minn dak il-hin sar responsabbli d-depositarju illi ghall-ghajnejn tal-Qorti kien il-persuna li kien qed izomm l-oggett. Madankollu l-konvenut Stivala ghamel hazin li qabad u rega' ha l-pussess tieghu minghajr ma avza l-Qorti kif ghamel hazin Delceppo li halla dan jigri (anzi jidher li talab hu lil Stivala biex jiehu l-*yacht* lura).

Fil-verita' jidher li l-hsara giet ikkawzat iktar minn nuqqas ta' *maintenance* milli ghal haga ohra ghaliex hu car li bit-trapass taz-zmien oggett bhal ma hu *yacht* imholli barra espost ghall-elementi kollha se jigi serjament danneggjat. Fuq kollox l-attur kien sokkombenti fil-kawza precedenti u ghalhekk finalment irrizulta li ma kellux ragun li ma jihux lura l-*yacht*. Lanqas ma jista' jinghad li legalment il-konvenuti kienu b'xi mod tenuti li jaghmlu l-manutenzjoni tal-*yacht*.

Madankollu wiehed lanqas jista' jaccetta l-agir tal-konvenuti illi kompletament traskuraw il-*yacht* ghaliex jidher car ghall-Qorti li naqsu li juzaw diligenza ta' *bonus paterfamilias*. Ghalhekk il-Qorti fil-waqt illi se tiehu kollox in konsiderazzjoni se tilqa' t-talbiet tal-attur. Meta wiehed jigi biex jillikwida d-danni pero' kif gia' inghad wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni dak kollu li inghad u cioe' li l-*yacht* originarjament ma kienx jiswa' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) u li l-attur kien sokkombenti fil-kawza inizjali u allura ma kienx gustifikat jirrifjuta li jikkancella l-bejgh, kif ukoll li bit-trapass taz-zmien l-oggett in kwistjoni kien se jiddiminwixxi fil-valur. Oltre dan it-trapass taz-zmien ma kienx tort tal-konvenuti izda tal-attur li mhux biss

ma nghatax ragun mill-Qorti izda dam tlett snin biex fetah din il-kawza. Ghalhekk kien hemm kontributorjeta’ da parti tal-kontendenti kollha fil-kawza fil-hsarat li gew ikkagunati lill-*yacht* (apparti deprezzament u deterjorament normali) u kwindi *arbitrio boni viri* il-Qorti se tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu lill-attur ghall-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin (Lm600). Ma tidhirx pero’ gustifikata t-talba ghas-solidarjeta’ bejn il-konvenuti ghaliex ma hemm xejn fil-provi dwar dan.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut Delceppo, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stivala u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu s-somma ta’ sitt mitt Lira Maltin (Lm600) bejniethom (u cioe’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300) kull wiehed lill-attur.**

**L-ispejjes, hlief dawk gia’ decizi, fic-cirkostanzi jigu sopportati fi kwoti ta’ terz (1/3) minn kull wiehed mill-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------